MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 16/2006

**Maria Lourdes Zahra**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta’ l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-appell.

Ikkunsidra:

Illi l-appellanti kienet beneficcjarja tal-Ghajnuna Socjali sat-30 ta’ Dicembru 2005 izda din l-assistenza giet lilha mwaqqfa wara spezzjoni li saret minn ufficjali tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.

Waqt l-imsemmija spezzjoni li saret fir-residenza ta’ l-appellanti fiz-Zejtun ghal habta tas-7.30am, instab certu Joseph Delia hiereg mid-dar ta’ l-appellanti. Dan Delia li huwa missier it-tliet ulied ta’ l-appellanti hareg mid-dar u dahal fil-vettura tieghu. Meta huwa ra lill-ispetturi staqsihom min huma u wara li dawn identifikaw ruhhom huwa rega’ dahal fid-dar ta’ l-appellanti u akkumpanjhom f’ kull kamra. L-appellanti sostniet li dan Delia ma kienx jghix maghha izda li huwa kien imur kull filghodu sabiex iwassal lit-tfal l-iskola. L-ispetturi rrilevaw li meta Delia hareg mid-dar huwa kien wahdu u mhux akkumpanjat bit-tfal. Irrizulta wkoll li l-indirizz ufficjali ta’ Delia huwa l-istess bhal dak ta’ l-appellanti u li l-vettura ta’ Delia kienet kiesha u ghalhekk probabilment kienet ilha parkeggjata ghal certu hin.

L-Arbitru jidhrilha li rrizulta ampjament pruvat li Joseph Delia effettivament jghix ma’ l-appellanti u li hija ghalhekk ma tistax tigi kkunsidrata li tifforma familja ghal rasha jew li hija l-kap tal-familja. L-ispjegazzjonijiet moghtija mill-appellanti ghar-rizultanzi ta’ l-ispezzjoni li saret mill-ufficjali tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet hija ghal kollox insostenibbli u ma tistax titwemmen.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata.”

Bl-appell introdott minnha kontra din id-decizjoni, Maria Lourdes Zahra qeghda tippretendi li din il-Qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Arbitru tal-fatti emergenti mill-ispezzjoni kondotta fid-dar abitata minnha mill-Ispetturi investigattivi fi hdan id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali nhar it-8 ta’ Novembru 2005;

Kif jirrizulta mill-atti huwa fatt pacifiku illi l-appellanti kienet beneficjarja tal-Ghajnuna Socjali. Huwa wkoll pacifiku illi din l-assistenza socjali giet iccessata ghar-raguni illi d-Direttur ma kienx sodisfatt illi l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hi kap tal-familja. Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirrepeti anke hawn ir-riflessjonijiet li ghamlet drabi ohra f' xi decizjonijiet taghha in tema ta' "familja" u "kap tal-familja". Jibbasta li ssir referenza ghalihom. Ara, fost ohrajn, "**Rita Cauchi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 5 ta' Ottubru 2005 u dik recensjuri fl-ismijiet "**Riccarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 7 ta' Frar 2007;

Il-fatti tal-kaz huma kjarament esposti fis-sentenza appellata. Minnhom jirrizulta illi dakinhar ta' l-ispezzjoni l-Ispetturi Ian Napier u Joseph Chircop osservaw ragel hiereg mill-fond ta' l-appellanti fis-7.25 ta' filghodu. L-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti tal-prezenza tieghu fid-dar kienet dik li dan jirrikorri ghandha biex jiehu lil uliedha l-iskola. Dan kif johrog mir-rapport ta' l-investigazzoni. Jirrizulta mbaghad mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2006 quddiem l-*umpire* illi ssokta jigi elaborat illi dan ir-ragel, li rrizulta li jismu Emanuel Delia, huwa missier ulied l-appellanti u, skond l-ispjega ta' l-istess appellanti, kien imur ghandha kuljum fil-5.30 ta' filghodu biex jixtrilha l-hobz u jwassal it-tfal l-iskola. Tenniet tiddikjara illi dak il-hin li akkostawh l-Inspectors dan Delia kien sejjer jixtri s-sigaretti;

Fuq l-istregwa ta' dawn il-fatti, kif ri-valutati minnha, din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-Arbitru waslet ghal gudizzju gust. Huwa inutili illi l-appellanti tittanta ssib rifugju fil-fatt illi s-sentenza appellata zbaljatament indikat lill-imsemmi Delia bhala "Joseph" u mhux "Emanuel", kif hekk inhu korrettement ikkonfermat mill-Investigation Report. Daqstant iehor huwa ghal kollox pwerili illi jigi sottomess, bhala xi manifestazzjoni ta' bwona volonta, illi ghax dan Delia akkompanja lill-Ispetturi f' kull kamra tad-

dar dan hu hekk indikattiv illi ma kienx jabita fl-istess dar ma’ l-appellanti;

Huwa ben assodat illi fatt jista’ jigi provat kemm b’ mezzi diretti bhal xhieda u ammissjoni, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u dawk l-indizji kapaci li jikkonvincu lil min irid jiggudika. F’ dan il-kaz jezistu elementi ta’ prova kemm diretti kif ukoll indiretti. Hekk inhu ammess illi l-imsemmi Emanuel Delia u missier ulied l-appellanti imur ta’ kuljum fid-dar abitata mill-appellanti. Ghal Qorti din l-ammissjoni logikament tirrendi inkompatibbli kull negazzjoni tal-fatt allegat illi il-kap tal-familja ta’ l-appellanti mhux dan Delia imma hi. Jigi rilevat imbaghad illi mill-presenza tas-senter ta’ dan Delia fil-fond u tal-fatt rizultanti lill-Ispetturi illi mill-istat taghha l-vettura ta’ l-istess Delia kienet ilha stazzjonarja quddiem id-dar ghal hin apprezzevoli, dawn ukoll huma elementi indizzjarji rilevanti ta’ prova illi l-istess Delia kien effettivament qed jabita fl-istess fond abitat mill-appellanti;

F’ dawn ic-cirkustanzi l-ispjegazzjoni ta’ l-appellanti ghandha tigi eskluza ghaliex ma tikkorrispondix ghas-sewwa u allura, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ma tistax lanqas tigi emnuta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez f’ dawn ic-cirkostanzi jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------